**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 260/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Nicola Farrugia**

Illum, 28 ta' Jannar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Nicola Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 319260M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-11 ta' Marzu 2019 kif ukoll fil-jiem preċedenti, ġewwa l-Bajja ta' San Tumas u f'dawn il-Gzejjer:

i) Bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu innifsu lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew ħatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;

ii) Għamel, ġiegħel, jew ħalla li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detentur jew lill-persuna/i li toqgħod f'bini fil-qrib;

iii) Ġab ruħu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li ser jagħti fastidju lil Stephania Carabott u Carmel Magro.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u illiberatu minnhom, u wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u kkundanatu multa ta' mitejn Ewro. *In oltre*, il-Qorti ordnat lill-ħati sabiex ineħħi l-affarijiet kollha li jinsabu fil-passaġġ quddiem il-kamra tiegħu u dik ta' Carmelo Magro u jħalli dan il-passaġġ/sqaq liberu u dan sabiex iħalli l-jedd ta' passaġġ bil-vettura lill-istess kwerelanti Mangion u Carabott u dan fi ħmistax -il ġurnata mid-data tas-sentenza u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali, taħt ammenda ta' għaxar ewro kuljum għal kull ġurnata ta' ritard. Ukoll, il-Qorti għamlitha ċara li anka l-parte ċivile hija obbligata li tħalli dan l-isqaq liberu.

Rat ir-rikors tal-appellant Nicola Farrugia, ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2021, fejn talab lil din l-Qorti:

i) Tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Lulju 2021 per Maġistrat Joe Mifsud fl-ismijiet premessi u dan bl-akkoljiment ta' l-ewwel aggravju, jew f'kaz illi din il-Qorti ma taqbilx ma' l-imsemmi aggravju allura;
ii) Mingħajr preġudizzju u sussidjarjament, tvarja s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Lulju 2021 per Maġistrat Joe Mifsud billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant mit-tieni u t-tielet akkuża iżda tirrevokaha, tikkanċellaha u tħassarha fejn sabitu ħati tal-ewwel akkuża u ordnat li jneħħi l-affarijiet fi zmien ġimgħatejn mid-data tas-sentenza, u konsegwentement tilliberaħ mill-istess akkuża, jew
iii) Alternattivament u mingħajr preġudizzju, bl-akkoljiment tas-sitt aggravju, tvarja dik il-parti tas-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Lulju 2021 per Maġistrat Joe Mifsud fejn ġiet inflitta l-piena fis-sens illi titneħħa dik il-parti tas-sentenza fejn iddeċidiet illi f'kaz li ma jitneħħewx l-affarijiet kollha li jinsabu fil-passaġġ quddiem il-boathouses in kwistjoni tiġi applikata fil-konfront tal-appellant ammenda ta' għaxar Ewro kuljum għal kull ġurnata ta' ritard, u tikkonferma l-bqija tas-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tat-12 ta' Novembru 2021, fejn il-Qorti ħalliet l-appell għas-sentenza limitatament fuq l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant.

Semgħet trattazzjoni  dwar l-ewwel aggravju.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ntentat, l-appellant jissolleva n-nullita' tas-sentenza appellata u dana minħabba l-fatt li l-Ewwel Qorti naqset milli tisma' ix-xhieda hija stess u għaddiet sabiex tinnomina espert legali sabiex tagħmel dan.

Illi, fid-dawl ta' dan l-aggravju, il-Qorti ezaminat l-Atti Proċesswali minn fejn irrizultalha illi dan il-każ ra t-twelid tiegħu wara li nhar il-11 ta' Marzu 2019, Stephania Carabott u Carmel Magro rrapurtaw l-Għassa ta' Ħaz-Zabbar illi l-appellant kien qed iħalli xi oġġetti fil-passaġġ li jagħti għall-kamra tagħhom ġewwa l-Bajja ta' San Tumas biex b'hekk kien qed ifixkel il-passaġġ liberu għal proprjeta' tagħhom.

Illi sussegwentement għal dan ir-rapport, nhar id-9 ta' Lulju 2019, l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat bir-reati indikati fiċ-ċitazzjoni fejn il-Qorti dak in-nhar stess, wara li semgħet il-provi għaddiet għas-sentenza. Din is-sentenza, iżda ġiet annullata minn din il-Qorti, diversament preseduta, nhar id-19 ta' Diċembru 2019, u l-atti ġew irrinvijat lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tiddeċiedi l-kawza mill-ġdid skond il-Liġi.

Illi, għalhekk, il-kawza ġiet riappuntata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u fl-ewwel seduta ta' nhar is-6 ta' Marzu 2020, ġie ivverbaliżżat:

> **"Il-Qorti jidhrilha li f'dan il-kaz ikun opportun li jinħatar espert tal-Qorti, Dr Anna Mallia, sabiex tisma' x-xhieda, tagħmel aċċess, tiġbor id-dokumenti kollha u tirrelata".**

Stante li f'din l-istess seduta, l-appellant ma kienx prezenti, l-Ewwel Qorti reġgħet ikkonfermat dan l-inkarigu mogħti lil Dr. Anna Mallia fis-seduta sussegwenti datata 28 ta' Settembru 2020, meta l-appellant kien preżenti u legalment assistit. Sussegwentement, nhar it-8 ta' Marzu 2021, l-istess espert maħtura mill-Qorti

ppreżentat ir-relazzjoni tagħha u il-Qorti tat l-opportunita' lill-partijiet sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet dwar il-konkluzzjonijiet milħuqa fl-istess rapport, bl-ebda waħda mill-partijiet, madanakollu, ma jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom kif ordnat. Tajjeb jingħad li mill-jum tal-ħatra tal-espert legali in kwistjoni sa' meta l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tagħti s-sentenza tagħha, ma nstema' l-ebda xhud u ma ngabet l-ebda prova oħra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Illi, qabel din il-Qorti tinoltra ruħha fil-konsiderazzjonijiet marbuta mal-preġudizzjali sollevat mill-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, ma tistax ma tirrimarkax li dan l-aggravju mressaq huwa wieħed kemmxejn odjuż, u dana għaliex matul ix-xhur li dawn il-proċeduri damu għaddejjin quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, id-difiza, lanqas darba, ma lmentat minn kif il-proċeduri quddiem l-istess Qorti kienu qed jiġu stradati. Minflok qagħdet siekta u wara li l-kawża ġiet deċiża mill-Ewwel Qorti qanqlet l-ilment tagħha biss issa fi stadju ta' revizjoni. Dan mhuwiex komportament koduċenti għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Li kieku verament id-difiża ħassietha daqshekk aggravata bil-mod kif il-Qorti tal-Maġistrati kienet qed tmexxi l-proċeduri, missha l-ewwelnett opponiet ruħha għal ħatra tal-espert legali, u matul il-proċeduri kellha kull opportunita' tressaq l-ilment tagħha issa imqanqal quddiem din il-Qorti, u mhux ħalliet kollox għaddej imbagħad qanqlet in-nullita' issa meta f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri ftit li xejn jista' jiġi mogħti rimedju biex l-atti jiġu sanati u l-proċeduri salvati milli jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati għandha issewgi dak imfassal fl-Artikolu 375 tal-Kodici Kriminali abbinat ma' l-Artikolu 374(i) ta' l-istess fejn hemm hekk dispost:

> **Meta l-azzjoni hija mmexxija mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija Eżekuttiva, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:**
>
> **(a) l-imputat għandu jidher huwa nnifsu. Huwa jista', madankollu, ikun assistit minn avukati jew prokuraturi legali;**
>
> **(b) fil-każ ta' kontravvenzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tal-artikolu li jiġi minnufih qabel dan għandhom japplikaw fir-rigward tal-imputat;**

**(ċ) l-Avukat Ġenerali jew l-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva li jkun qiegħed imexxi l-prosekuzzjoni u l-imputat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu għandhom jinstemgħu fl-ordni stabbilita fil-paragrafu (i) tal-artikolu li jiġi minnufih qabel dan;**

**(d) il-qorti tista' teħtieġ li l-akkużi jinqraw mill-Avukat Ġenerali jew mill-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva u li r-rapport jiġi kkonfermat bil-ġurament mill-uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva;**

**(e) l-imputat jista' jagħmel kontro-eżami lill-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija.**

Illi, *in oltre*, l-Artikolu 374(i) tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi l-ordni kif għandhom jinstemgħu il-provi meta hemm hekk dispost:

**Meta jidhru ż-żewġ partijiet, it-tmexxija tal-kawża għandha ssir fil-qosor u bil-fomm, fl-ordni li ġej:**

**(i) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jesponi l-fatt tar-reat u jġib il-provi tiegħu;**
**(ii) il-kwerelat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi tiegħu;**
**(iii) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jista' jirreplika, u l-kwerelat jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu jista' jagħmel kontra-replika:**
**Iżda l-qorti tista', għal raġuni tajba, tqassam xorta oħra l-ordni tas-smigħ tal-kawża.**

Illi, l-Liġi għalhekk tistabilixxi illi s-smigħ ta' kawża quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza originali tagħha għandu jsir fil-qosor u bil-fomm, bl-Artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi "*ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce*." Dan ukoll għaliex meta il-Qorti tiġi biex tagħmel il-ġudizzju aħħari tagħha issewgi il-linji gwida imfassla fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u dan meta tiġi għall-evalwazzjoni tal-provi.

Illi, l-Artikolu 376 tal-Kodiċi Kriminali mbagħad jidderiġi lill-ġudikant dwar il-mod kif ix-xiehda għandha tigi minnu/ha rreġistrata:

**(1) Il-maġistrat għandu jniżżel jew iġiegħel lir-reġistratur iniżżel –**

**(a) kull eċċezzjoni ta' inkompetenza tal-qorti, jew ta'inammissibbiltà jew estinzjoni ta' azzjoni, jew ta 'inammissibbiltà ta' prova kif ukoll kull digriet li bih tiġi miċħuda dik il-prova; u**

**(b) is-sustanza tax-xiehda tax-xhieda, billi titniżżel kull kelma li jkollha importanza diretta fuq il-mertu tal-kawża, meta l-qorti jidhrilha meħtieġ li għandu jsir hekk, jew meta ssir talba għaldaqshekk minn waħda mill-partijiet u l-qorti jidhrilha sewwa li tilqa' dik it-talba.**

**(2) In-notamenti tax-xiehda, meta jkunu ttieħdu kif jingħad hawn fuq, għandhom jinqraw lix-xhieda quddiem il-partijiet, u ta'dan għandha titniżżel tifkira fl-atti.**

**(3) In-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ma jagħmilx null il-proċediment; dan in-nuqqas lanqas m'hu ta' xkiel illi, jekk ikun jinħtieġ, f'kull waqt jew grad tal-kawża, issir il-prova, bil-mod li tagħti l-liġi, tal-fatti li għalihom jirriferixxu dawk id-dispożizzjonijiet, jew illi jinġiebu mill-ġdid ix-xhieda li jkunu ġa nsemgħu.**

Illi, sentenza li tiġi spiss iċċitat mill-qrati tagħna meta rinfaċċjati minn każijiet analoġi fejn ix-xiehda ma tkunx ġiet mismugħa mill-ġudikant iżda minn xi perit legali delegat sabiex jagħmel ix-xogħol tal-ġudikant, hija dik fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro" mogħtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fit-2 ta' Settembru 1999, fejn ġie hekk deċiż:

**L-aggravju tal-appellanti jirriduci ruhhu, bazikament, ghal wiehed ta' apprezzament ta' provi. Pero` f'dan il- kaz hemm problema aktar di fondo li din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tissolleva ex officio, u cioe` li l-qorti li tat is-sentenza fil-21 ta' Jannar, 1999 ma semghetx provi izda qaghdet fuq ir-rapport tal-"perit legali" Dott. Beppe Fenech Adami u fuq id-deposizzjonijiet minnu migbura. Fi kliem iehor, hadd mix-xhieda ma ta x-xiehda tieghu quddiem il-gudikant li ppronunzja s- sentenza fil-21 ta' Jannar ta' din is-sena.**

**Il-qorti li tat is-sentenza fil-21 ta' Jannar, 1999 kienet qorti ta' prim istanza u mhux qorti ta' appell. Il- procedura quddiem dik il-qorti kellha ssegwi dak indikat fl-Artikoli 374(i) u 375(c) tal-Kodici Kriminali, u cioe` li l-kawza titmexxa 'fil-qosor u bil-fomm' ('viva voce' fit-test ingliz) billi jinstema' l-ufficjal prosekutur u l-provi tieghu; wara jinstema' l-imputat jew l-avukat tieghu u l-provi tad-difiza; u finalment ikun hemm id-dritt ta' replika u kontro-replika. Din il-procedura necessarjament tfisser li x-xhieda jinstemghu mill-qorti. L-Artikolu 646(1) (tal-imsemmi Kodici), li japplika wkoll ghall-Qorti tal-Magistrati, jipprovdi li, salv certi eccezzjonijiet li ma humiex relevanti ghal dan il-kaz, u salv il-procedura fi stadju ta' appell, 'ixxhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-qorti u viva voce'. L-ewwel qorti, izda, ma ghamlitx hekk; iddelegat is-smigh tax-xhieda lil 'perit legali'. Issa, perit ghandu jigi nominat biss meta 'ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali' (Art. 650, Kap. 9). Fil-kaz in dizamina l-ewwel qorti, b'digriet tal-15 ta' Marzu, 1996, innominat 'fuq talba**

**tal-partijiet', bhala 'perit legali' lill-Avukat Dott. Beppe Fenech Adami ' bis-soliti fakoltajiet, inkluz li jaghmel [sic!] accessi u jisma' ix-xhieda bil-gurament u wara jirrelata bil-miktub lil din il-Qorti' (ara fol. 6 tal- atti).**

**L-unika hila u sengha li kienet rikjesta mill-perit nominat kienet dik il-hila u sengha li kull gudikant hu prezunt li ghandu, u cioe` li jisma' l-provi, jaghmel il- valutazzjoni tieghu skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu. Ghalhekk f'dan il-kaz certament ma kienx hemm lok ghan-nomina ta' 'perit' biex jaghmel dak li l-ligi trid li jaghmel il-gudikant personalment. Dak li l- legislatur ma riedx li jsir mill-magistrat inkwirenti fil- kors tal-inkjesta dwar l-in genere - ara t-tielet proviso tal-Art. 548 tal-Kap. 9 - multo magis ma jistax isir mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Hawnhekk m'ahniex fil-kamp civili fejn il-partijiet jistghu, sa certu punt, jaqblu fuq il-procedura li ghandha tigi segwita. Konsegwentement din il-Qorti ser tinjora wkoll ilverbal, registrat quddiemha fl-udjenza tal-1 ta' Gunju, 1999, fejn il-partijiet qablu li din il-Qorti ghandha 'timxi fuq l-atti inkluzi r-relazzjoni ta' Dr. B. Fenech Adami'. In-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita`, sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal- procedura kollha. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita` tas-sentenza, huma sollevabbli ex officio minn din il-Qorti. Biex ma tipprivax lill- appellanti mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il- Qorti mhux ser tisma' hi l-provi mill-gdid fil-meritu, izda ser tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti.**

Illi, din il-Qorti ġja kellha l-opportunita' li tesprimi ruħha fuq din il-materja fis-sentenza tagħha mogħtija nhar id-29 t'Ottubru 2021 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jaser Ali Mahmoud". Kif intqal f'dik is-sentenza din il-Qorti ma tistax taqbel ma din l-interpretazzjoni stretta tal-ligi, iktar u iktar meta llum il-qrati qed jieħdu il-linja li fejn jista' jkun l-atti jiġu sanati u dan sabiex jiġi evitat ħafna xogħol żejjed u ħela ta' ħin bil-proċeduri jitwalu inutilment.

Illi, l-Artikolu 650(5) tal-Kodiċi Kriminali jistipola illi –

**Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tista' wkoll tagħti s-setgħa lill-periti, jekk ikunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan, il-qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti hekk prodotti jew terġa' teżamina x-**

**xhieda hekk mismugħa, sakemm il-qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan. Meta jkunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, il-qorti għandha tindika liema perit ikollu s-setgħa li jagħti l-ġurament**. **(**enfazi tal-Qorti**)**

Illi, dan ifisser illi ġaldarba il-Maġistrat dehrlu, fid-diskrezzjoni tiegħu, li kien jeħtieġ il-ħatra ta' espert sabiex jassistieh fil-każ taħt il-lenti tiegħu, allura x-xiehda kollha miġbura mill-espert għandha tiswa għal fini tal-proċeduri mingħajr il-bżonn li l-Magistrat jerġa' jisma' hu stess ix-xhieda mill-ġdid, u dan ġaldarba ebda waħda mill-partijiet ma jkunu qanqlu xi oġġezzjoni f'dan is-sens jew inkella ma jkunu talbu lill-Maġistrat jisma' xi xhieda hu, jew li jsir il-kontro-eżami quddiemu ta' xi xhieda partikolari. Fuq kollox kif jiddisponi l-Artikolu 376(3) tal-Kodiċi Kriminali, in-nuqqas ta' osservanza mill-Maġistrat li jirreġistra *di proprio pugno* ix-xiehda tax-xhieda ma twassalx għan-nullita' tal-proċediment, u allura wisq anqas għandu jwassal għal xi nullita' il-fatt illi dik ix-xiehda tkun ġiet irreġistrata mill-perit legali delegat mill-Maġistrat stess biex jisma' dawk il-provi u jagħtih il-fehma tiegħu fuq il-każ, iktar u iktar meta l-ebda wieħed mill-partijiet ma qajjmu oġġezzjoni a rigward. Mhux biss, iżda, kif ġia ngħad aktar 'il quddiem, l-Ewwel Qorti, fis-seduta tagħha tat-8 ta' Marzu 2021, ikkonċediet lill-partijiet terminu ta' ħmistax-il jum sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet, u dan **<u>wara</u>** li l-perit legali kienet ippreżentat r-relazzjoni tagħha, iżda id-difiza, mogħtija allura l-aħħar okkazzjoni sabiex tissolleva n-nullita' tal-proċeduri, minnha issa lamentata, ma ressqet ebda sottomissjoni u baqgħet siekta, kif *del resto* għamlet il-Prosekuzzjoni.

Illi, filfatt, din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza fl-ismijiet "<u>Il-Pulizija vs John Magro u Alfrida Magro</u>" datata 7 t'April 2017, taddotta din il-linja ta' ħsieb meta ġie hekk deċiż:.

**8. Għalkemm l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li x-xhieda għandhom jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce l-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja bil-periti jinħatru mill-Qorti. Inoltre, is-subartikolu (5) tal-istess artikolu 650 jipprovdi wkoll, inter alia, li l-Qorti tal-Maġistrati, kemm bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali kif ukoll bħala Qorti istruttorja, tista' tagħti s-setgħa**

**lill-periti li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan il-Qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti prodotti jew terġa teżamina x-xhieda mismugħa sakemm il-Qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan.**

**9. Dan huwa preċiżament dak li ġara f'dan il-każ u l-imputati fl-ewwel istanza fl-ebda stadju ma għamlu xi talba sabiex il-Qorti terġa teżamina x-xhieda li nstemgħu mill-perit nominat mill-Qorti.**

**10. Fl-appell tagħhom l-imputati jilmentaw li dan il-każ kien wieħed sempliċi li ma kien jirrikjedi l-ebda każ ta' xi ħila jew sengħa speċjali u jirrileva li t-tielet proviso tal-artikolu 548(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 645 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap 12), it-tnejn jipprojbixxu l-ħatra ta' esperti unikament sabiex jisimgħu xhieda bil-ġurament u jistabilixxu l-fatti relevanti u dan, skont l-appellanti, juri kemm tali perizji qatt ma kienu għall-qalb il-proċedura fil-Qrati Maltin. Il-fatt jibqa', iżda, li l-artikolu 548 jirrigwarda l-proċeduri ta' in genere, li mhux il-każ hawn, waqt li l-artikolu 645 tal-Kap 12 ma ġiex reż applikabbli għall-qrati ta' ġustizzja kriminali.**

**11. Barra minn hekk mill-atti jirriżulta li meta l-ewwel Qorti nnominat il-perit fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2015 fil-preżenza tad-difensur tal-imputati dawn ma qajmu ebda eċċezzjoni għal dik il-ħatra u qatt ma qajmu ebda oġġezzjoni f'xi stadju wara tal-proċediment anqas wara li l-perit ippreżenta r-rapport tiegħu bil-ġurament. Anqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom dwar ir-rapport peritali u li ppreżentaw quddiem l-ewwel Qorti fl-24 ta' Awwissu 2016 l-imputati ma qajjmu ebda eċċezzjoni jew oġġezzjoni jew minimament ikkritikaw il-ħatra tal-perit u llimitaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-mertu tal-konklużjonijiet peritali. L-imputati ma jistgħux issa f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri iqajjmu eċċezzjonijiet quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni li qatt ma ssollevaw fl-ewwel istanza.[1]**

Illi, esposti dawn il-prinċipji ta' dritt u tagħlim ġurisprudenzjali, għalhekk il-Qorti ma tistax taqbel mal-aggravju imqanqal mill-appellant li għalhekk qed jiġi miċħud.

Illi, dan magħdud il-Qorti tidderiġi lil Qorti tal-Maġistrati sabiex kemm jista' jkun tara li x-xiehda tinstema' quddiemha fil-Qorti *viva voce*, u għalhekk sakemm ma jkunx hemm xi ħtieġa partikolari għal każ li jkun taħt il-lenti tagħha, ma jiġux maħtura esperti inutilment bi spejjeż ulterjuri u bil-kawża titwal bla bżonn.

[1] Ara ukoll f'dan is-sens "Il-Pulizija vs Mary Rose Vella et" tal-24 ta' Mejju 2019 (App. Krim. 507/2017) u "Il-Pulizija vs Dennis Vella", App. Nru. 16/2019, deċiż 20/09/2019.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant u tordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-appell fuq l-aggravji rimanenti.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Deputat Registratur**